MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 270/2010

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**vs**

**Azzopardi Stuart**
**I.D. 91173(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta’ tlett mija u tlettax-il Ewro u sebghin centezmi (€313.71), liema somma tipprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil *Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru *1013698* u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u is-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa gie ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l- konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l- konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u tlettax-il Ewro u sebghin centezmu (€313.71),, bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------